TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Joseph Anthony Bugeja

vs

Pitre Bathrooms Limited

CCT 163/21/MS

1 ta' Marzu 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-24 ta' Settembru 2021, fejn talab is-somma ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin euro (€325.00), prezz ta' mera Urano mixtrija mis-socjeta' intimata, liema mera kellha girfa fuq in-naha ta' wara tal-mera li skond hu, hija diffett tal-fabbrika. Ir-rikorrent ghalhekk talab jew ir-rifuzjoni tal-ammont imhallas minnu, jew li l-mera tinbidel ma' wahda simili minghajr difetti.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata prezentata fit-18 ta' Ottubru 2021 fejn ikkontestat it-talba tar-rikorrent u l-fatti minnu esposti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent.

Sema' t-trattazjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi li fit-28 ta' Mejju 2021, ir-rikorrent ghamel ordni ghal sett ta' kamra tal-banju ma' Pitre' Bathrooms Limited. (Salies Order 003979), liema ordni kienet tinkludi mera Urano b'diametru ta' 80cm. L-ordni kollha giet konsenjata fis-27 ta' Lulju 2021 fil-*basement* tad-dar tieghu peress illi x-xoghol kien ghadu ghaddej fil-kamra tal-banju. Meta tlesta x-xoghol fis-16 ta' Awwissu, il-kuntrattur tella l-kaxxa bil-mera kif konsenjata li kienet ghadha fil-jablo u nfethet fil-presenza tieghu. Ir-rikorrent ighid li refughha tnejn min-nies.
Meta pruvaw il-mera bid-dawl innutaw girfa - bhal linja irqiqa tul 26cm li hija vizibbli minn certu angolu. Qal li l-linja mhijiex vizibbli fuq in-naha ta' quddiem u meta giet ezaminata

sabu li kien hemm girfa ta' 3cm li tisporgi minn taht il-mekkanizmu tad-dawl. Ir-rikorrent ighid li dan huwa difett tal-fabbrika.
Ighid ukoll li l-fornitur irrifjuta t-talba tieghu fuq il-premessa li skond il-haddiema, l-kaxxa tal-mera infethet quddiemu u ffirma ghaliha, pero' skond ir-rikorrent il-kaxxa qatt ma nfethet mill-impjegati, u anke li kieku nfethet, id-difett xorta ma kienx ikun evidenti ghaliex dan id-difett huwa evidenti biss minn certu angolu u f'dawl qawwi, jew meta tinxteghel. Ighid ukoll illi d-difett ma setax kien ikkagunat wara l-konsenja u min-natura tieghu jidher li huwa diffett tal-fabbrika.
Ir-rikorrent qal ukoll li hu ghamel kuntatt mal-kumpanija li tipproduci dawn il-mirja (Xpertials) u staqsiehom jekk il-PVC *lighting system* jistax jinqala' mill-mera u qalulu li dan mhuwiex possibbli. Iddikjara bil-gurament illi hu qatt ma miss il-mera jew ipprova jinqala' d-dawl. Qal ukoll illi meta kellem il-persuna li maghha ghamel l-ordni Malta, ir-risposta kienet li gialadarba huwa ffirma ghall-ordni, missu ccekkja l-affarijiet. Min-naha tieghu ir-rikorrent ighid li qatt ma nghata kopja tad-delivery note u qatt ma ffirma l-ebda dokument. Esebixxa kopja tal-ordni (Dok JAB).

Illi ghalkemm it-talba giet kontestata min-naha tas-socjeta' intimata, hadd ma xehed min-naha tas-socjeta' intimata, li qieghda tistrieh principalment fuq il-fatt illi kien hemm trapass ta' kwazi xahar minn meta l-oggett gie konsenjat umeta sar l-ilment, u gialarba r-rikorrent accetta l-ordni, fil-mument tal-konsenja, ir-riskju ghadda ghandu.

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad illi hadd ma xehed min-naha tas-socjeta' intimata, u allura t-Tribunal m'ghandux versioni ohra hlief dik tar-rikorrent li hija verosimili u kredibbli fic-cirkostanzi. It-Tribunal huwa propens li jemmen illi l-kaxxa ma nfethitx fil-mument tal-konsenja u l-mera baqghet fil-kaxxa. Sfortunatament, din hija prassi li tigri spiss, u f'dan il-kaz, kif xehed anke r-rikorrent, lanqas ma hemm xi firma tieghu bahía prova li huwa ccekja l-ordni u kien sodisfatt, kif gieli jigri, anke f'kazijiet meta l-oggett ma jinfetahx quddiem il-klijent. Terga' u tghid illi l-ordni kienet tinkludi diversi oggetti (ir-rikorrent nefaq mat-tlett elef euro), u ghalhekk huwa plawzibbli li l-oggetti ma gewx iccekjati. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova konkreta li l-kaxxa infethet quddiem ir-rikorrent, is-socjeta' intimata ma tistax tistrieh fuq dan l-argument biex tezimi ruhha mir-responsabbilta'.

Illi huwa principju ben risaput illi min jallega irrid jipprova u ghalkemm is-socjeta' intimata ghamlet diversi insinwazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent, dawn bl-ebda mod ma gew ippruvati. Mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda tar-rikorrent, it-Tribunal jaqbel illi l-girfa x'aktarx kienet tezisti fil-mument tal-konsenja u ma jemminx illi dan kien rizultat ta' xi haga li ghamel ir-rikorrent jew il-haddiema tieghu.

Ikkunsidra

Illi l-artikolu 78 tal-Kap 378 jipprovdi illi l-bejjiegh ghandu jkun responsabbli lejn il-konsumatur ghal kwalunkwe nuqqas ta' formalita' ezistenti mal-konsenja tal-oggetti u li jimmanifesta ruhha fi zmien sentejn mill-kunsinna tal-oggetti. Dan il-perjodu ghandu jigi sospiz sakemm ikunu ghaddejin in-negozjati bejn il-partijiet. Umbaghad l-artikolu 79 ighid illi sabiex ikun jista' jibbenefika minn rimedju taht l-Att, il-konsumatur ghandu javza lill-kummercjant bin-nuqqas fi zmien xahrejn mid-data ta' meta ikun intebah b'dak in-nuqqas.

Illi l-konsejna saret fis-27 ta' Lulju, u r-rikorrenti intebah bid-difett fis-16 ta' Awwissu 2021. Ir-rikorrent baghat email lill-kumpanija fl-24 ta Awwissu 2021 u l-avviz tal-ilment (notification of complaint) saret fl-1 ta' Settembru 2021.

It-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha, jidhirlu illi r-rikorrent ghandu ragun fl-ilment tieghu u li t-talba tieghu giet ippruvata u tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna l-isocjeta' intimata tforni mera gdida lir-rikorrent fi zmien gimghatejn mid-data tas-sentenza. Fin-nuqqas, ghandha tirrifondilu s-somma ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin euro, bi dritt tas-socjeta' intimata li tiehu lura l-mera difettuza wara li jsir il-hlas. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru